**2 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino**

John Muscat

*versus*

Benny Mizzi *et*

## Appalt - Att ta' Kummerċ - Solidarjeta` - Kundanna

*L-attur ottjena sentenza f'ġudizzju separat fejn il-konvenuti ġew ikkundannati jagħmlu xogħlijiet u fin-nuqqas l-attur stess ġie awtorizzat li jagħmel ix-xogħlijiet huwa a spejjeż tagħhom.*

*L-attur aġixxa biex jieħu sentenza biex il-konvenuti jiġu kkundannati jirrifondu l-ammont lilhom avvanzat. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u kkundannat lill-konvenuti solidalment li jħallsu. Riflessjonijiet utli u interessanti dwar atti ta' kummerċ.*

Il-Qorti:-

B'dan l-avviż l-attur talab għall-kundanna tal-konvenuti biex jirrifondu lill-attur is-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250), prezz ta' xogħlijiet ta' *aluminium* li ġie awtorizzat jagħmel a spejjeż tagħhom b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju, 1992 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat *vs* Benny Mizzi *pro et nomine*** (Avviż nru. 888/86) u dana wara li l-konvenuti naqsu milli jesegwixxu x-xogħlijiet in kwistjoni fiż-żmien lilhom mogħti fl-istess sentenza;

Il-konvenuti eċċepew:

Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti mhumiex solidalment responsabbli għad-debitu pretiż; u

Illi l-kawża kienet superfluwa stante li l-attur seta' jaġixxi a bażi ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1992 u għalhekk il-konvenuti kellhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet b'sentenza tal-21 ta' Ġunju, 1994 billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti appellati, iddikjarat il-kawża bħala superfluwa u lliberathom;

L-ewwel Qorti hekk immotivat il-konsiderazzjoni tagħha fuq din it-tieni eċċezzjoni:

"Id-difensur tal-konvenuti ssottometta li l-attur imissu aġixxa b'mandat esekuttiv in forza ta' l-ewwel sentenza. Id-difensur ta' l-attur issottometta li l-ewwel sentenza ma llikwidatx l-ammont dovut mill-konvenuti iżda kkundannat lill-konvenuti jagħmlu x-xogħol li kien meħtieġ. F'dik is-sentenza l-Qorti ddeċidiet billi kkundannat lill-konvenuti "f'isimhom proprju jwaħħlu l-erbat itwieqi ta' l-*aluminium* rimanenti fil-fond numru 3, Muscat Flats, Triq Manwel Attard, il-Marsa, fi żmien xahrejn mil-lum u fin-nuqqas l-attur hu awtorizzat ilesti x-xogħol hu a spejjeż ta' l-istess konvenuti purche` l-ispiża totali rekuperabbli mingħandhom ma teċċedix Lm250";

Illi għalhekk jidher li l-Qorti kienet illikwidat l-ammont fis-somma ta' Lm250 bħala massimu. Mis-sentenza stess irriżulta li l-perit tekniku nnominat f'dik il-kawża kien wasal għal stima ta' Lm310 biex "isiru u jitqiegħdu" t-tnejn in kwistjoni. Intqal ukoll fl-istess sentenza li "kemm-il darba l-konvenuti ma jwaħħlux dawn l-aperturi u jsiru mill-attur stess, l-ispiża li jiġi nvolut fiha l-attur tkun tinkludi wkoll il-prezz ta' l-aperturi nfishom. U hawn għalhekk l-ammont li jista' jiġi nkulpat ma jkunx jista' jeċċedi l-kompetenza ta' din il-Qorti, ċjoe` Lm250". Mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li x-

xogħol swielu Lm250. Kieku swielu aktar (skond l-istima tal-perit tekniku) xorta kien jista' jirreklama biss Lm250. U dan seta' jagħmlu in esekuzzjoni ta' l-ewwel sentenza";

L-appellant jissottometti illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1992 "ma kinitx, kif ma setgħetx, ikkundannat lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur s-somma ta' Lm250 jew ammont ieħor illi ma jeċċedix din is-somma. Il-kundanna tal-konvenuti kienet biss limitatment sabiex jesegwixxu x-xogħlijiet rimanenti ta' l-*aluminium* fil-fond in kwistjoni u li għalihom kienu ġa' tħallsu mingħand l-attur u dan fi żmien lilhom prefiss mill-istess Qorti". Isostni għalhekk illi dik is-sentenza ma kinitx tagħti lill-attur **titolu esekuttiv** kontra l-konvenuti fis-somma ta' Lm250 jew ammont ieħor li ma jeċċedix dik is-somma. Dan għaliex il-Qorti "kienet fl-impossibilita` dak iż-żmien li taċċerta ruħha jekk il-konvenuti kinux sejrin jottemperaw ruħhom mas-sentenza u jesegiwxxu x-xogħlijiet fi żmien lilhom mogħti", kif ukoll fl-impossibilita` illi taċċerta ruħha mill-ammont preċiż li kellu jiġi rikuperat mill-attur fl-eventwalita` illi kellu jagħmel ix-xogħlijiet huwa stess kif kien ġie awtorizzat li jagħmel f'każ ta' inadempjenza da parti tal-konvenuti;

L-appell ta' l-attur appellant hu validu u għandu jiġi milqugħ. Sewwa tiġi rreġistrata l-parti dispositiva tas-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1994;

"Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, Benny Mizzi u Joseph Mizzi, tilqa' t-talbiet attriċi, tikkundanna lill-istess Benny Mizzi u Joseph Mizzi **f'isimhom proprju** jwaħħlu l-erbat itwieqi ta' l-*aluminium* rimanenti fil-fond Nru. 3, Muscat Flats, Triq Manwel Attard, il-Marsa, fi żmien xahrejn mil-lum u

fin-nuqqas l-attur hu awtorizzat ilesti x-xogħol hu a spejjeż ta' l-istess konvenuti **purche` l-ispejjeż totali rekuperabbli mingħandhom ma jeċċedux il-Lm250**. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

Issa hu ċar illi:

Is-sentenza tikkundanna lill-konvenuti, l-appellati tal-lum, biex ikomplu x-xogħol li kienu baqgħu fih inadempjenti. It-twieqi, kien irriżulta mill-provi li kienu ġew manifatturati pero` ma kinux **ġew imwaħħla minnhom**. Hu dan ix-xogħol li huma ġew ikkundannati jagħmlu fiż-żmien lilhom prefiss;

L-attur appellant kien diġa` ħallas lill-konvenuti għal dan ix-xogħol. "Biss il-konvenuti diġa` tħallsu ta' l-appalt, u għalhekk, għalihom l-ispiża involuta hija dak biss biex **jitqiegħdu** l-aperturi";

Ġustament dik is-sentenza ikkunsidrat li f'każ li l-konvenuti jibqgħu inadempjenti u li allura l-attur ikollu jlesti x-xogħol hu a spejjeż tagħhom dan ix-xogħol seta' wkoll jinkludi l-valur ta' l-aperturi nfushom. "Naturalment, kemm-il darba l-konvenuti ma jwaħħlux dawn l-aperturi u jsiru mill-attur stess, l-ispiża li jiġi nvolut fiha l-attur tkun tinkludi wkoll il-prezz ta' l-aperturi nfushom". Fil-fatt hekk ġara, tant li l-attur jikkonferma li x-xogħol qabbad lill-ħaddieħor biex jagħmlu u dana **mmanifattura u waħħal** l-erbat itwieqi ta' l-*aluminium*;

Id-dispositiv tas-sentenza hu tali li jipprospetta diversi alternattivi:

(a) li l-konvenuti jagħmlu huma x-xogħol ta' twaħħil;

(b) li l-attur għamel ix-xogħol hu;

(ċ) dan billi, jew iwaħħal it-twieqi li għamlu l-konvenuti, f'liema każ l-ammont li seta' jirkupra mingħand l-istess konvenuti kien ikun ta' <u>**twaħħil biss**</u> - ammont ferm inferjuri għal dak ta' Lm250 rreklamat f'din il-kawża;

L-attur seta' jagħmel ix-xogħol ta' l-aperturi u twaħħil bl-opra ta' ħaddieħor jew bil-prezz eżatt ta' Lm250; jew bi prezz <u>**ogħla**</u> meta allura l-ammont kellu jkun neċessarjament skond l-istess sentenza ridott għal Lm250; jew bi prezz <u>**orħos**</u> meta allura dan kien ikun l-ammont li seta' jiġi rkuprat mingħand l-istess konvenuti;

Dan kollu juri kemm hi f'postha l-osservazzjoni ta' l-attur appellant illi s-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1994 ma kinitx tipprovdi lill-attur b'<u>**titolu esekuttiv**</u> biex jesiġi mingħand il-konvenuti l-ħlas ta' Lm250 u li kien rikjest aċċertament ġudizzjarju ieħor u indipendenti biex jiġi stabbilit kemm kien l-ammont realment dovut mill-konvenuti lill-attur skond liema mid-diversi alternattivi tavvera ruħha. Id-diċitura tas-sentenza ma tista' bl-ebda mod tiġi interpretata bħala li l-konvenuti kienu qed jiġu <u>**kkundannati**</u> li jħallsu lill-attur is-somma ta' <u>**Lm250**</u> jekk jibqgħu inadempjenti. Il-kliem "fin-nuqqas l-attur <u>**hu awtorizzat**</u> ilesti x-xogħol hu a spejjeż tal-konvenuti" kien jagħti biss <u>**id-dritt**</u> lill-attur li jesegwixxi x-xogħol hu u li jirkupra dak li jonfoq mingħand il-konvenuti. Din l-"awtorizzazzjoni" l-Qorti ssoġġettatha għall-kondizzjoni, u ċjoe`, "purche` <u>**l-ispiża totali**</u> (allura manifattura u twaħħil) rekuperabbli mingħandhom <u>**ma teċċedix**</u> il-Lm250. Il-Qorti ġustament stabbiliet <u>**massimu**</u> konsonanti mal-kompetenza tagħha *rationae valoris*. Il-kelma "rekuperabbli" fiha nnfisiha tipprospetta infatti azzjoni <u>**futura**</u> u mhux kundanna alternattiva fl-istess sentenza f'każ li l-konvenuti,

jibqgħu, kif baqgħu inadempjenti. Azzjoni ntiża biex jiġi stabbilit **kemm** kien l-ammont li għalih kien intitolat l-attur;

Mill-provi prodotti u f'dan l-aspett mhux ikkontestati mill-konvenuti, jirriżulta stabbilit li l-ammont dovut lill-attur għandu jiġi ddeterminat fis-somma ta' Lm250. Mhux ikkontestat li x-xogħol l-attur għamlu u li hu jista' jirkupra fit-terminu tas-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1994, l-ammont minnu rreklamat;

Dan l-aggravju qed jiġi milqugħ in kwantu mill-premess hu ċar li l-azzjoni ttentata mill-attur ma tistax titqies li hija superfluwa. Għall-kuntrarju, tirriżulta **neċessarja** biex il-kreditu dovut lill-attur jiġi llikwidat fil-konfront tal-konvenuti u li dawn jiġu kkundannati li jħallsuh. L-eċċezzjoni tal-konvenuti f'dan ir-rigward qed tiġi għalhekk respinta;

Il-konvenuti qed jeċċpixxu wkoll li huma "mhumiex solidalment responsabbli għad-debitu pretiż". L-ewwel Qorti, ġustament, ma ddeċidietx din l-eċċezzjoni in kwantu kienet laqgħet it-tieni eċċezzjoni li dderimiet u qatlet l-azzjoni definittivament. Kienet għamlet pero' din il-konsiderazzjoni:

"Dwar l-ewwel eċċezzjoni ġie ssottomess mid-difensur tal-konvenuti li hawn ma teżistix solidarjeta' għax id-dejn hu wieħed ċivili. Il-Qorti ma taqbilx peress illi n-negozju involut kien wieħed kummerċjali għall-konvenuti. Difatti huma kienu ġew inkarigati biex jagħmlu aperturi ta' l-*aluminium* għall-attur peress li huma kienu f'dak in-negozju. Għalhekk teżisti s-solidarjeta' bejniethom";

Din il-Qorti ma taqbilx. Tikkunsidra:

(a) Tinnota illi ma hemm l-ebda **talba** fl-avviż biex il-konvenuti jiġu kkundannati li jesegiwxxu l-appalt solidalment, u lanqas li fin-nuqqas l-attur kellu d-dritt li hekk jagħmel a spejjeż tagħhom it-tnejn solidalment. Dana fis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1994. Is-solidarjeta` kellha infatti tiġi ddikjarata f'dik is-sentenza. Ma ġietx;

(b) Fl-avviż odjern ukoll, l-attur ma hux qed **jitlob il-kundanna** tal-konvenuti solidalment bejniethom biex iħallsu l-ammont li hu għandu dritt jesiġi mingħandhom. Jgħid biss fl-okkju li l-konvenuti qed jiġu ċitati *in solidum* bejniethom. L-okkju tal-kawża mhux parti mid-*decide* u s-solidarjeta` għandha f'każijiet kongruwi tiġi mitluba mill-attur u ddikjarata mill-Qorti;

(ċ) Dan apparti mhu xejn ċar mill-provi quddiem din il-Qorti f'**din il-kawża** illi n-negozju involut kien wieħed kummerċjali għall-konvenuti. Il-fatt biss illi l-konvenuti kienu nkarigati biex jagħmlu aperturi ta' l-*aluminium* għall-attur "peress li huma kienu f'dan in-negozju" ma jirrendix lill-konvenuti negozjanti kif lanqas ma hu l-manifattura waħedha att oġġettiv ta' negozju. L-esekuzzjoni ta' appalt waħdu ma jirrendix l-appaltatur kummerċjant. Sakemm ma jokkorrux elementi oħra li jikkwalifikawh bħala tali. Lanqas ma hu l-appalt waħdu att kummerċjali;

*"Le imprese di costruzioni terrestri sono atti che riguardano affari prettamente civili (u l-appalt għall-fornitura u tqegħid ta' twieqi hu parti minn tali kostruzzjoni). Sebbene le forniture e le somministrazioni sono atti di commercio perche', anche in una locazione d'opera, come e' l-appalto, i materiali che si comprano per essere lavorati nell'opera presa in appalto, in sostanza si rivendono dall'appaltatore al proprietario, l'atto pero' di compra e*

*di vendita' ed anche' di fornitura non e' stato il principale, ma bensi' l'accessorio alle imprese di costruzione la quale e' stata il principale". (Cremona - Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile pp. 52 et seq);*

Mill-banda l-oħra jeżistu ċirkostanzi fejn l-appaltatur jista' jiġi kkwalifikat bħala kummerċjant. "Min hu soltu jaħdem mhux b'salarju u taħt id-direzzjoni ta' ħaddieħor u b'materja fornita minn terza persuna jew mill-kommittenti, imma regolarment jassumi li jagħmel opera determinata kontra pagament iffissat in raġuni tal-valur ta' l-opra minn qabel, l-impjieg ta' materjal fornit minnu stess u meta x-xogħol ikun jirrikjedi ħafna idejn, jimpjega ħaddiema miegħu u jħallashom minn butu mhux sempliċi lokatur ta' l-opra imma kottimista li huwa kkunsidrat bħala industrijalist; li jista' jkun kbir jew żgħir, imma hu kkunsidrat dejjem bħala kummerċjant" (Vol. XXXIX, P.II p. 794). Sentenza din - bħal oħrajn - li tiddistingwi b'mod ċar u awtorevoli meta appaltatur jista' jitqies kummerċjant u meta le. Distinzjoni li ma ssib l-ebda riskontru la fis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1994 u lanqas fis-sentenza appellata, la fil-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u wisq anqas fil-provi riprodtti li fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni huma għal kollox karenti;

Din il-Qorti għalhekk ma ssibx illi l-attur iġġustifika s-sottomissjoni tiegħu li l-konvenuti għandhom jitqiesu responsabbli fil-konfront tiegħu solidalment għall-ħlas ta' l-ammont likwidat u dovut lilu kif infatti minnu ċċitat f'<u>dan</u> l-avviż;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi li tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' Ġunju, 1994 u konsegwentement tilqa' t-talba kif dedotta fl-avviż, b'dan li m'għandux jitqies li l-konvenuti huma solidalment responsabbli

versu l-attur għall-ammont li qed jiġu b'din is-sentenza kkundannati jħallsu;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-konvenuti appellati.